

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Drittijiet Tal-vittmi - Skont Il-pajjiż](#) > 5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza

5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza

Jiena vittma ta' reat. Lil min għandi nikkuntattja għall-appoġġ u għall-assistenza?

Il-vittmi ta' reat u l-eqreb qarib tagħhom huma meġhuna minn NGOs li jirċievu sussidji għal dak il-għan mingħand il-Fond ta' Appoġġ għall-Vittmi u ta' Għajjnuna Postpenitenzjarja. Is-sussidji jingħataw mill-Ministru għall-Ġustizzja.

Il-vittmi jiġu informati li din l-għajjnuna hi disponibbli qabel ma jagħmlu l-ewwel dikjarazzjoni tagħhom.

Lista tal-organizzazzjonijiet kollha li kisbu sussidji għall-vittmi u għall-eqreb qarib tagħhom u informazzjoni (bil-Pollakk) dwar dak li tkopri l-għajjnuna jistgħu jinkisbu mis-sit web tal-Ministru tal-Ġustizzja [Co robimy - Dla obywateli - Udzielamy pomocy - Fundusz Sprawiedliwości - Pomoc pokrzywdzonym](#).

Hotline ta' appoġġ għall-vittmi

Bħalissa, hemm Hotline nazzjonali ta' Appoġġ għall-Vittmi (*Linia Pomocy Pokrzywdzonym*) fil-Polonja:
+ 48 222 309 900.

L-appoġġ għall-vittmi huwa mingħajr ħlas?

L-appoġġ għall-vittmi huwa offrut mingħajr ħlas.

X'tipi ta' appoġġ nista' nirċievi mis-servizzi jew mill-awtoritajiet tal-Istat?

L-awtoritajiet jipprovdu lill-vittmi b'informazzjoni dwar il-postijiet fejn ikun disponibbli l-appoġġ. Ċerti kategoriji ta' vittmi huma intitolati għal assistenza legali mingħajr ħlas fid-dawl tal-età u tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom. Il-vittmi ta' reat huma intitolati għal assistenza medika skont ir-regoli ġenerali.

X'tipi ta' appoġġ nista' nirċievi minn organizzazzjonijiet nongovernattivi?

L-NGOs iffinanzjati mill-Fond ta' Appoġġ għall-Vittmi u ta' Għajjnuna Postpenitenzjarja joffru lill-vittmi assistenza legali, psikoloġika u finanzjarja, pereż. kupuni għall-ikel jew għajjnuna fl-ispejjeż tal-ikel u tal-ilbies, tal-ħwejjeġ ta' taħt, taż-żraben, ta' prodotti tat-tindif u tal-iġjene personali, ta' akkomodazzjoni jew ta' kenn temporanji, ta' edukazzjoni u ta' taħriġ, ta' miżuri biex jirranġaw appartament jew dar għall-ħtiġijiet tal-vittmi ta' reat u fl-ispejjeż tal-ivvjaġġar.

Tip ieħor ta' appoġġ huwa ffinanzjar tas-servizzi ta' interpretu, inkluż interpretu tal-lingwa tas-sinjali.

L-assistenza medika tinkludi l-kopertura tal-ispejjeż tal-kura medika, tal-mediċina u tat-tagħmir mediku neċċessarji biex tiġi ttrattata l-ħsara għas-saħħa mġarrba bħala riżultat tar-reat.

■ L-aħħar aġġornament: 22/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-

regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.